MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 817/2002/1

**Futura Home Appliances Co. Ltd.**

**vs**

**John Peresso**

**Il-Qorti,**

Fil-22 ta’ Gunju, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ April, 2002 fejn intalbet is-somma ta’ tmien mija u disgha u ghoxrin lira u erbgha u hamsin centemzu (Lm829.54) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal bejgh u konsenja ta’ oggetti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-3 ta’ Mejju, 2002 fejn intqal:
i. Illi preliminarjament it-talba attrici hi preskritta bil-preskrizzjoni ta’ sentejn;
ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi f’April,1996 il-konvenut kien irritorna merkanzija izda minflok credit note kien inhareg invoice. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta li fiha ntalab il-hlas ta’ tmien mija u tnax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm812.89) u fejn intqal illi l-konvenut kien irritorna merkanzija izda minflok credit note inhareg invoice u l-konvenut kompla jhallas izda l-ammont "overpaid" huwa ta’ tmien mija u tnax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm812.89), liema ammont ma kienx dovut lis-socjeta` attrici u ghalhekk ghandu jigi ritornat. Bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda ta’ Rosario Bonnici, Alfred Aloisio, Emmanuel Bezzina, John Peresso, Diane Mallia, Anna Peresso. Ra d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Is-socjeta` attrici istitwiet din il-kawza kontra il-konvenut ghall-hlas ta’ merkanzija konsenjata lill-konvenut. Il-konvenut ghamel kontro-talba ghall merci li allegatament giet ritornata lis-socjeta` attrici u li fuqha nhareg invoice minflok credit note.
2. Jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet tinnegozja fuq perijodu ta’ zmien mal-konvenut. Dan hu evidenti mill-istatement Dok.C esebit.
Jibda biex jinghad illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn. Ma saritx referenza specifika kif titlob il-Ligi ghall-artikolu tal-preskrizzjoni li fuqu hi bazata

l-eccezzjoni. Ghalhekk it-Tribunal ma jistghax jaghzel hu liema Artikolu se mai japplika, u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda. Dana anke ghaliex: “Invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati mill-Ligi, l-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikulari ohra li ma gietx invokata.” (Domenico Bezzina pro et noe vs John Said - dec.4.3.1958 – Vol.XLII –1152)

3. Dwar il-mertu, jirrizulta illi, kien isir negozju mal-konvenut li kien jakkwista merci minghand is-socjeta` attrici. Dana fi zmien minnhom ried jaghlaq. Ghalhekk is-socjeta` attrici baghtet lil Alfred Aloisio, direttur tal-istess socjeta`, ghand il-konvenut, u dan ghamel lista tal-merci li nbieghet u li ma kienetx ghada thallset mill-konvenut.

4. Jirrizulta li kien hareg cekk fil-15 ta’ April, 1996 fl-ammont ta’ elf mitejn u zewg liri Maltin (Lm1202.00) Dok.JP1. It-Tribunal jirrileva illi dan il-pagament kien jirrigwarda l-invoice bin-numru 3761 datata 15 ta’ April, 1996, u mhux l-invoice bin-numru 2387 datata 26 ta’ April, 1996.

5. Wara li sar dan il-pagament kien ghad fadal x’jithallas ammont li jirrizulta minn lista ta’ affarijiet li biegh il-konvenut. Il-konvenut jghid li qatt ma ra din il-lista, pero` it-Tribunal qed jaccetta dak li qed jghid Alfred Aloisio u Emmanuel Bezzina dwar din il-lista, cioe` li saret appositament minhabba li l-konvenut kien ser jaghlaq, u li din il-lista saret fil-fatt mal-konvenut u fil-presenza tieghu. Ghalkemm il-konvenut ma ffirmax il-lista, huwa xehed li ra lil Aloisio jiehu notamenti.

6. Fil-fatt jirrizulta illi wara li sar il-pagament imsemmi mill-konvenut, kien ghad fadal bilanc pendenti mas-socjeta` attrici fuq invoice partikolari cioe` dak li jgib in-numru 2387 fl-ammont ta’ elf hames mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1513.62).

7. Jirrizulta ukoll li wara li sar il-pagament imsemmi bic-cekk Dok.JP1, saru pagamenti ohra mill-konvenut. Dawn il-pagamenti kienu jirrigwardaw proprju dak l-ammont tal-invoice Dok.B, dwar oggetti mibjugha elenkati fil-lista.

8. Meta mar Aloisio ghand il-konvenut, huwa gabar minghandu l-affarijiet li ma bieghx u ghamel lista ta’ l-

affarijiet li biegh. Il-konvenut ma jinnegax li ghamel pagamenti u fil-fatt jghid li l-ahhar pagament sar fl-1998, u skond ma xehed Rosario Bonnici, Managing Director tas-socjeta` attrici, dan fil-fatt sar precizament fit-2 ta' Ottubru, 1998.

9. Jirrizulta fil-fatt illi wara is-26 ta' April, 1996, il-konvenut effettwa diversi pagamenti, u wara xi sentejn fejn kellu problemi ta' sahha sar pagament iehor, u b'hekk baqa' il-bilanc mitlub. Dawna l-pagamenti huma indikazzjoni cara, fil-fehma tat-Tribunal, illi l-konvenut kien jaf ben tajjeb illi kien hemm ammont dovut lis-socjeta` attrici, ammont li seta' biss jirrigwarda l-ahhar invoice li harget, cioe` dik fl-ammont ta' elf hames mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm1513.62).

10. It-Tribunal isib verosimili dak li qed jallegaw id-diretturi tas-socjeta` attrici, illi fil-fatt il-konvenut kien qed jaqbel mal-lista tal-affarijiet li ma sabux meta marru, u proprju ghalhekk kien beda jhallas.

11. Ghalhekk jidher illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata.

12. Dwar il-kontro-talba, ma jirrizultax illi fil-fatt inhareg invoice minflok "credit note", kif allegat. Dana ghar-ragunijiet gja riferiti hawn fuq. Ghalhekk ma hemmx lok li tintlaqa' l-kontro-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, u qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut, qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u disgha u ghoxrin lira u erbgha u hamsin centemzu (Lm829.54) bl-imghax kummercjali mis-17 ta' April, 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza fit-termini ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380. Huwa jikkritika d-decizjoni tat-Tribunal fuq il-bazi li dan:

(i) kien legger wisq meta gie biex jikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

(ii) ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u f' dan mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita`;

Precizati dawn l-aggravji din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidrahom fl-ordni li tqajmu mill-appellanti;

Dwar l-ilment rigwardanti l-preskrizzjoni hu provdut bl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili illi "l-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan id-dispost hu simili ghall-Artikolu 2938 tal-Kodici Civili Taljan li gie mfisser b' dan il-mod mill-**Qorti tal-Kassazzjoni (Nru. 3798, 16 ta' April 1999)**:

"*La generica proposizione dell' eccezione di prescrizione da parte dell' interessato non autorizza il giudice ad individuare d' ufficio il tipo concretamente applicabile, atteso che, da un conto, la prescrizione non è rilevabile d' ufficio, dall' altro, il suo carattere dispositivo comporta, per la parte che la propone, l' onere di tipizzarla secondo una delle varie ipotesi previste dalla legge, ciascuna delle quali sottesa a distinte situazioni sostanziali, sicchè, in mancanza delle specifiche indicazioni di fatto necessrie per rendere comprensibile ed individuabile 'l' uno o l' altro dei tipi legali, l' eccezione medesima non puo che dicharata inamissibile*";

Din l-enuncjazzjoni tattalja mal-hsieb ragunat mill-Qrati taghna f' diversi sentenzi. Hekk insibu illi "l-Qorti, taht dawn ic-cirkostanzi, ma tistax tezamina din l-eccezzjoni, kif ma tistax tissuplixxi ghan-nuqqas tal-parti li teccepiha, minghajr ma tmur kontra d-disposizzjoni espress ta' l-Artikolu 2216 (illum 2111) tal-Kodici Civili, kif kostantement interpretat mill-Qrati taghna." (**Kollez. Vol. XXX P III p 477; Vol. XXXVII P II p 630** u **Vol. XLI P I p 168**);

B’ mod partikolari gie deciz illi “l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b’ mod sufficjentement car u specifiku la bl-indikazzjoni ta’ l-Artikolu 2254 (illum 2149) tal-Kodici Civili, li b’ ben hames incizi distinti, jipprospetta l-preskrizzjoni ta’ azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra …” - “**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Marzu 1977;

Dan premess, l-appellant ma jistax ikollu s-sostenn li jippretendi li ghandu bl-invokazzjoni tieghu ghas-sentenza ta’ din il-Qorti, sede Prim’ Awla, fil-kawza fl-ismijiet “**Surprise Yachts Limited -vs- Joseph Rosso *proprio et nomine***”, (21 ta’ April 2004). Dan ghar-raguni li f’ dik il-kawza l-materja kienet titratta minn allegat difett redibitorju u kien ghalhekk car illi d-dispost relattiv, li del resto kien wiehed ta’ terminu ta’ dekadenza, ma setax hlief ikun dak prevvist bl-Artikolu 1431 (1), Kodici Civili;

Invece, fil-kaz in disamina, apparti l-Artikolu 2149 surreferit li mill-anqas jikkontjeni hames tipi differenti ta’ azzjonijiet kapaci li jigu estinti bl-gheluq ta’ sentejn, hemm artikoli ohra li wkoll jispecifkaw il-preskrizzjoni ta’ sentejn; ad ezempju, l-Artikolu 2152 (2) u l-Artikolu 2153;

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet l-aggravju fuq dan il-punt qed jigi respint;

Riferibilment ghat-tieni aggravju l-appellant jaghmel espressa referenza fil-korp ta’ l-appell tieghu ghall-Artikolu 8 (2) (d) ta’ l-Att V ta’ l-1995 u cjoe ghal kaz “meta t-Tribunal ikun b’ mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”;

Hu ovvju li mill-inkartament tal-kawza, mis-sentenza appellata u mill-korp ta’ l-appell, ma jistax jinghad li jezisti rifless dwar l-imparzjalita` tat-Tribunal. Fil-fatt ma nsibu l-ebda accenn illi t-Tribunal ma mexiex korrettement u b’ gustizzja fil-kondotta tal-procedura u tal-provi.

Naturalment il-fatt li t-Tribunal adotta bhala aktar perswaziva u attendibbli l-versjoni tas-socjeta` appellata ma ghandux remotament ifisser li t-Tribunal agixxa b' mod parzjali bi pregudizzju tal-konvenut;

Jokkorri ghalhekk li jigi ezaminat jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ekwitattiv, li skond l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, huwa l-indikatur li permezz tieghu jigu mizurati u decizi t-talba u kontro-talba;

Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li t-terminu negozjali bejn il-partijiet kien dak ta' bejgh "in konsegna". Kif spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Dr. George Vassallo *nomine* -vs- Victor Caruana *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 26 ta' April 1951, "il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci '*on consignment*' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni. F' kaz ta' kuntratt simili, l-kreditur ghandu dritt jitlob, mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbighetx." Fl-istess sens ta' din hi s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony Ruggier *nomine* -vs- Francis Refalo**", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Frar 1965;

Affermat dan il-principju regolatur tad-dritt, jirrizulta mill-provi illi meta l-appellant iddecieda li jaghlaq il-hanut u ma jkomplix jopera sar inventarju ta' l-oggetti konsenjati mibjugha (fol. 12 u fol. 23), ittiehdu lura dawk il-prodotti li ma nbieghux u nharget *invoice* datata 26 ta' April 1996 (fol. 14 u fol. 22). Jirrizulta li l-appellant ghamel xi pagamenti kull darba li kien icempillu Rosario Bonnici, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici (ara xhieda tal-konvenut a fol. 51). Dawn il-pagamenti huma riflessi fl-i*statement* datat 9 ta' Mejju 2002 (fol. 13) fejn insibu wkoll illi wara l-ahhar pagament ta' mitt lira (Lm100) li sar fl-1998 kien ghad baqa' bilanc ta' seba' mitt lira, tlieta u sebghin centezmu (Lm700.73,0) li meta maghdud ma' l-interessi apattwiti, kif hekk stabbilit fuq l-istess fattura, jassomma ghall-ammont reklamat fl-avviz;

Evalwati dawn il-provi din il-Qorti ma tarax kif tista' ssostni l-aggravju ta' l-appellant dwar li ma giex ipprovat x' oggetti kienu fil-pussess tieghu jew li hu kien ghamel hlasijiet meta dawn ma kienux dovuti. Ghall-kuntrarju din il-Qorti ma ssibx illi l-appellant ma pprovax ir-rekwiziti essenzjali ta' l-izball, li hu ghab-bazi ta' l-Artikolu 1022, Kodici Civili. B' mod specjali, kif jinsab deciz, jekk is-*solvens* kien jaf bic-cirkostanzi li mhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas". F' dan il-kaz, skond il-parir ta' l-awturi, min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta u *imputet sibi* jekk kellu xi dannu". Ara fost ohrajn **Vol. XLI P I p 76** u **Vol. XXIX P II p 453**. Legalment ghalhekk il-kontro-talba proposta kienet insostenibbli;

Finalment biex wiehed japporta l-kaz ghad-dettami ta' l-Att V ta' l-1995 din il-Qorti lanqas ma ssib li t-Tribunal ghamel konsiderazzjonijiet ta' ekwita`. Id-decizjoni tieghu kienet unikament bazata fuq konsiderazzjonijiet fattwali tal-kaz u tali konsiderazzjonijiet ma jistghux, fic-cirkostanzi, jitqiesu difettuzi. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jimmeritax li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu sopportati mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------